Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2024/3219

23.12.2024

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2024/3219

tat-12 ta' Diċembru 2024

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat tal-Partijiet tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati mal-istituzzjonijiet u l-amministrazzjoni pubblika tal-Unjoni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 336, flimkien mal-Artikolu 218(9), tiegħu,

Wara li kkunsidra il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika ("il-Konvenzjoni") ġiet konkluża mill-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/1075 ([1]), fir-rigward tal-istituzzjonijiet u l-amministrazzjoni pubblika tal-Unjoni, u permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/1076 ([2]), fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, l-ażil u n-non-refoulement, sa fejn dawn jaqgħu fil-kompetenza esklużiva tal-Unjoni. Il-Konvenzjoni daħlet fis-seħħ għall-Unjoni fl-1 ta' Ottubru 2023.

(2) Skont l-Artikolu 66(1) tal-Konvenzjoni, il-Grupp ta' Esperti dwar l-azzjoni kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika ("GREVIO") għandu jimmonitorja l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni mill-Partijiet. Skont l-Artikolu 68(3) tal-Konvenzjoni, il-proċeduri ta' evalwazzjoni għall-proċedura ta' evalwazzjoni tax-xenarju ta' referenza tal-GREVIO rigward ir-rapporti dwar miżuri leġiżlattivi u miżuri oħra li jagħtu effett lid-dipsożizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni ssottomessi mill-partijiet għandhom jinqasmu f'ċikli ("ċikli ta' evalwazzjoni tematika"). Skont l-Artikolu 68(11) tal-Konvenzjoni, GREVIO għandu jadotta r-rapporti u l-konklużjonijiet tiegħu dwar il-miżuri meħuda mill-Parti kkonċernata. Skont l-Artikolu 68(12) tal-Konvenzjoni, abbażi tar-rapport u l-konklużjonijiet ta' GREVIO, il-Kumitat tal-Partijiet stabbilit bl-Artikolu 67 tal-Konvenzjoni jista' jadotta rakkomandazzjonijiet indirizzati lill-Parti kkonċernata.

(3) L-ewwel miċ-ċikli ta' evalwazzjoni tematika, intitolat "Nibnu l-fiduċja bl-għoti ta' appoġġ, protezzjoni u ġustizzja", tnieda fl-2022 u ser jopera mill-2023 sal-2031. Dan jindirizza 19-il dispożizzjoni speċifika tal-Konvenzjoni, jiġifieri l-Artikoli 7, 8, 11, 12, 14, 15, 16, 18, 20, 22, 25, 31, 48, 49, 50, 51, 52, 53 u 56 u jikkonċerna l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni li japplikaw ukoll għall-Unjoni fir-rigward tal-istituzzjonijiet u l-amministrazzjoni pubblika tagħha stess.

(4) F'Settembru 2024, is-Segretarjat tal-Kumitat tal-Partijiet qassam mal-Partijiet abbozz ta' deċiżjoni IC-CP (2024)10 dwar rakkomandazzjonijiet li għandhom jiġu adottati fid-dawl tar-rapporti ta' GREVIO adottati bħala parti mill-ewwel ċiklu tematiku ta' evalwazzjoni (l-"abbozz ta' deċiżjoni"). L-abbozz ta' deċiżjoni jipprevedi proċedura għall-adozzjoni u s-superviżjoni tal-implimentazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet mill-Kumitat tal-Partijiet u fih mudell ta' rakkomandazzjoni. L-abbozz ta' deċiżjoni għandu jiġi diskuss u, jekk possibbli, adottat fis-17-il laqgħa tal-Kumitat tal-Partijiet fis-17 ta' Diċembru 2024.

(5) L-Unjoni għandha kompetenza esklużiva li taċċetta l-obbligi stabbiliti fil-Konvenzjoni fir-rigward tal-istituzzjonijiet u l-amministrazzjoni pubblika tagħha stess, fl-ambitu tal-Artikolu 336 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Fl-Opinjoni 1/19 ([3]) tagħha l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea kkonfermat li, essenzjalment, parti sinifikanti mill-obbligi tal-Konvenzjoni dwar l-adozzjoni ta' miżuri preventivi u ta' protezzjoni huma vinkolanti għall-Unjoni fir-rigward tal-persunal tal-amministrazzjoni tagħha u fir-rigward tal-membri tal-pubbliku li jżuru l-bini u l-bini tal-istituzzjonijiet, l-aġenziji u l-korpi tagħha.

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/1075 tal-1 ta' Ġunju 2023 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika fir-rigward tal-istituzzjonijiet u l-amministrazzjoni pubblika tal-Unjoni (ĠU L 143 I, 2.6.2023, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2023/1075/oj).

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/1076 tal-1 ta' Ġunju 2023 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika fir-rigward ta' materji relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, l-ażil u n-non-refoulement, ĠU L 143 I, 2.6.2023, p. 4, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2023/1076/oj).

([3]) L-Opinjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-6 ta' Ottubru 2021, 1/19 il-Konvenzjoni ta' Istanbul, ECLI:EU:C:2021:832, il-paragrafu 305.

(6) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fi ħdan il-Kumitat tal-Partijiet peress li l-abbozz ta' deċiżjoni jistabbilixxi l-proċedura għall-adozzjoni u s-superviżjoni tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet indirizzati lill-Partijiet fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati mal-istituzzjonijiet u l-amministrazzjoni pubblika tal-Unjoni. Dawk ir-rakkomandazzjonijiet ser ikunu jistgħu jinfluwenzaw b'mod deċiżiv il-kontenut tad-dritt tal-Unjoni fis-sens li jistgħu jaffettwaw l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Konvenzjoni fil-futur.

(7) L-abbozz ta' deċiżjoni jipprevedi li r-rakkomandazzjonijiet għandhom ikunu limitati għall-aktar tħassib urġenti identifikat mill-GREVIO fir-rapporti tiegħu. Dawk jinkludu nuqqasijiet li GREVIO jikkunsidra li jeħtieġu azzjoni immedjata, indikati bl-użu tal-verb "iħeġġeġ", kif ukoll dawk il-kwistjonijiet li GREVIO jemmen li jenħtieġ li jiġu rimedjati fil-futur qrib, indikati mill-verb "jinkoraġġixxi bil-qawwa", li jkopru l-kapitoli kollha tal-Konvenzjoni.

(8) L-abbozz ta' deċiżjoni jipprevedi li l-Kumitat tal-Partijiet għandu jissorvelja l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet billi jitlob lill-Parti kkonċernata tippreżenta rapport bil-miktub dwar il-miżuri meħuda fi żmien 3 snin mill-adozzjoni tar-rakkomandazzjonijiet. Skont l-abbozz ta' deċiżjoni, minn hemm "il quddiem, il-Kumitat tal-Partijiet ikun jista" jagħżel li ma jieħu l-ebda pass ulterjuri fis-superviżjoni tiegħu sabiex jevita d-duplikazzjoni ma' kwalunkwe ċiklu futur ta' evalwazzjoni tematika.

(9) L-abbozz ta' deċiżjoni jipprevedi li r-rakkomandazzjonijiet għandhom jirrakkomandaw lill-Parti biex timplimenta l-proposti inqas urġenti li fadal mingħand GREVIO, bħala mod kif jiġu approvati l-konklużjonijiet ta' GREVIO fl-intier tagħhom, u biex dik il-Parti tiġi mistiedna għal djalogu kontinwu ma' GREVIO.

(10) L-Unjoni jenħtieġ li taqbel mal-abbozz ta' deċiżjoni, peress li l-proċedura stabbilita fiha tallinja mal-proċedura ta' evalwazzjoni tax-xenarju ta' referenza taħt l-Artikolu 68 tal-Konvenzjoni, li kienet effettiva u tiżgura implimentazzjoni effettiva tad-dispożizzjonijiet kollha magħżula għall-evalwazzjoni tematika, filwaqt li tevita proċessi ta' monitoraġġ duplikati.

(11) Għalhekk, jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Kumitat tal-Partijiet tkun li tappoġġa l-adozzjoni tal-abbozz ta' deċiżjoni, inkluż il-mudell ta' rakkomandazzjoni propost stabbilit fl-Appendiċi I tagħha.

(12) Sabiex ikun hemm il-flessibbiltà meħtieġa matul il-laqgħa tal-Kumitat tal-Partijiet, jenħtieġ li jkun previst li bidliet speċifiċi fl-abbozz ta' deċiżjoni jkunu jistgħu jiġu miftiehma f'isem l-Unjoni mingħajr deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fis-17-il laqgħa tal-Kumitat tal-Partijiet, stabbilit bl-Artikolu 67 tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika ("il-Konvenzjoni"), għandha tkun li tappoġġa l-adozzjoni tal-abbozz ta' deċiżjoni IC-CP (2024) 10 dwar rakkomandazzjonijiet li għandhom jiġu adottati mill-Kumitat tal-Partijiet (l-"abbozz ta' deċiżjoni"), inkluż il-mudell ta' rakkomandazzjoni propost stabbilit fl-Appendiċi I tagħha ("Appendiċi I").

Artikolu 2

Meta l-punti li ġejjin tal-Appendiċi I ma jkunux jistgħu jiġu miftiehma kif jinsabu fl-abbozz tat-test, ir-rappreżentanti tal-Unjoni fi ħdan il-Kumitat tal-Partijiet jistgħu mingħajr deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill jaqblu dwar it-tibdil li ġej:

— il-punt B: l-estensjoni tal-iskadenza ta' 3 snin għall-Parti kkonċernata biex tippreżenta rapport bil-miktub lill-Kumitat tal-Partijiet dwar il-miżuri meħuda għall-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni;

— il-punt C: it-tħassir tar-rakkomandazzjoni li l-Parti kkonċernata tieħu miżuri biex timplimenta l-konklużjonijiet ulterjuri tal-ewwel rapporti ta' evalwazzjoni tematika tal-GREVIO;

— il-punt D: it-tħassir tal-istedina lill-Parti kkonċernata biex tkompli d-djalogu dwar il-progress mal-GREVIO.

Ir-rappreżentanti tal-Unjoni fi ħdan il-Kumitat tal-Partijiet jistgħu wkoll, mingħajr deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill, jagħmlu bidliet żgħar fl-abbozz tad-deċiżjoni, inkluż fl-Appendiċi I, li ma jbiddlux is-sustanza tal-pożizzjoni msemmija fl-Artikolu 1 ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Diċembru 2024.

Għall-Kunsill

Il-President

PINTÉR S.